# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Kawza Numru 3**

**Citazz. Numru 1284/99 GV.**

Doc. 91.01

**Carmelo Sacco**

**vs**

**Anthony Debattista**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur hu propjetarju tal-*boat* li ggib in-numru ta' registrazzjoni PTF 1033;

Premess li cirka tmien xhur ilu kkonsenja l-istess *boat* lill konvenut biex jaghmel xi xoghol fuqha;

Premess li l-konvenut ghalkemm qala' l-magna baqa' ma ghamilx ix-xoghol u minhabba f'hekk ikkawza danni lill-esponent if jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tordna lill konvenut biex fi zmien qasir u perentorju u taht piena ta' disprezz jaghmel ix-xoghol rikjest jew jerga jpoggi l-magna u jarmaha, jikkonsenja l-*boat* imsemmija lill-attur fi stat tajjeb jew ghall-inqas kif kienet qabet giet konsenjata lilu;

2. Tiddikjara li l-konvenut ikkawza danni lill-attur bil-morozita' tieghu, occorrendo dikjarazzjoni tal-istess morozita';

3. Tillikwida dawn id-danni;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghall-konsenja tal-*boat* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress li l-esponenti qatt ma inghata pussess tal-*boat* u din ma tinsabx f'idejh;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti onora l-ftehim milhuq u rrangalu l-magna tal-*boat* kif kien gie mitlub; l-esponenti ma hux responsabbli ghad-dewmien (u ghal xi danni relattivi), ghax kien l-istess attur li dam ma gablu l-*parts* mehtiega biex seta' jirranga l-magna;

3. Illi l-magna hija lesta u tista' titogga lura fil-*boat*, izda l-esponenti huwa intitolat ghall-*ius retenionis* fuq l-istess magna sakemm jithallas dak li hu dovut lilu skond il-ftehim;

Salv jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tordna lill-konvenut jikkonsenja l-*boat* fi stat tajjeb jew ghall inqas kif kienet qabel giet konsenjata lill-konvenut; tiddikjara li l-konvenut kkawza danni lill-attur bil-morozita' tieghu; tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa hu qatt ma nghata pussess tal-*boat* u din ma tinsabx f'idejh; li hu onora l-ftehim u rrangalu l-magna tal-*boat* kif kien mitlub. Hu mhux responsabbili ghal dewmien / danni billi kien l-istess attur li dam ma gablu l-*parts* mehtiega biex jirranga l-magna; il-magna hija lesta u tista' titpogga fuq il-*boat*, izda l-eccipjent huwa intitolat ghall *ius retentionis* fuq l-istess magna sakemm jithallas dak li hu dovut lilu skond il-ftehim.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob li l-konvenut jirritornalu l-*boat* li kien halla ghandu ghat-tiswija u ghad danni li hu sofra minhabba dan id-dewmien.

Il-konvenut eccepixxa li hu qatt ma nghata pussess tal-*boat* u din ma tinsabx

f'idejh. Fil-fatt jirrizulta mill-provi li kull m'ghandu f'idejh il-konvenut hija l-magna tal-*boat* ta' l-attur li hadem fuqha. Din ghadha ghandu sal lum.

Il-konvenut issottometta li hu onora l-ftehim u rrangalu l-magna tal-*boat* kif kien mitlub, izda mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt dan mhux hekk ghax il-magna ghada mhux lesta u jonqosha s-*cylinder head* u tigi startjata ara fol 35; u dan nonostante li issa l-konvenut ghandu l-*parts* li xtara Agius.

Il-konvenut sostna wkoll li mhux responsabbili ghal dewmien u konsegwenti danni billi kien l-istess attur li dam ma gablu l-*parts* mehtiega biex jirranga l-magna.

Fuq dana l-punt l-attur xehed li l-konvenut kellu jiehu l-*parts* mill-magna l-ohra li kien gablu. Il-konvenut kien ha z-zewg magni biex jiehu l-*parts* minnhom u wara talbu xi *parts* ohra li fil-fatt kien hadlu. Dawn il-*parts* kien hadomlu Agius f'Awissu.

Agius xehed li l-konvenut kien qal lill-attur biex jixtri li *spare parts*, l-attur ma kienx xtrahom u biex ma jibqghux hekk, iddecieda li jmur jixtrihom hu u hadhom ghand il-konvenut biex jarmalu. Il-kwistjoni twalet minhabba l-*parts*. L-attur kien qed igerger mieghu li l-konvenut kien qed itawwallu. Il-konvenut kien jghidlu biex igib il-*parts* u jaramah.

Il-konvenut xehed li kellhom zewg magni u minnhom kienu ser jghaqqdu wahda… Kien qal lill attur biex jixtrilu xi *parts* izda l-attur qallu mur ixtrihom inti, izda hu m'accettax. F'Awissu, Agius kien xtralu l-*parts* biex jarma. Imbaghad f'Ottubru l-attur qallu biex jieqaf.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenut kien zamm il-magna tal-*boat* ta' l-attur minn Novembru, 1998 sa Ottubru, 1999 bla ma lestiha. Anke wara li l-attur tah zewg magni l-konvenut l-istess ma lestihiex. Imbaghad f'Mejju l-konvenut rega'

talbu *parts* ohra, barra z-zewg magni li kellu, u l-attur ghamel dina l-kawza biex jiehu lura l-*boat*. Imbaghad wara l-kawza u biex jirrangahom Agius kien xtara l-*parts* huwa, izda l-konvenut lanqas ma lesta l-magna allavolja kellu l-*parts*.

Il-konvenut minn naha l-ohra qed jghid li l-magna hija lesta u tista' titpogga fuq il-*boat*, izda huwa intitolat ghall *ius retentionis* fuq l-istess magna sakemm jithallas ta' dak li hu dovut lilu skond il-ftehim.

L-artikolu 1997 Kap 16 - fuq Privileggi jipprovvdi li d-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jnehhux il-jedd lill-kreditur li jzomm il-haga fil-pussess tieghu meta jkun hemm dan il-jedd skond il-ligi.

Dan l-artikolu jirriserva favur il-kreditur id-dritt li jzomm il-haga fil-pussess tieghu "meta jkun hemm dan id-dritt skond il-ligi" - li jfisser li l-*ius retentionis* m'ghandux jigi estiz oltre l-kazi kontemplati "*expressis verbis*" mill-ligi.

Fil-kaz ta' *locatio operis* (appalt) fejn oltre x-xoghol tieghu wiehed ikun ippresta, almenu fi grad mhux irrilevanti, anke l-materja proprja, dan il *ius retentionis* japplika. Baudry - Lacantinerie e Wake: "*Il contratto nel quale l'operaio fornisce la materia …puo' esercitare sino al pagamento del prezzo il diritto di retenzione sulla cosa*."

Zachariae Vol 2 pag 259 - *Il-diritto di ritenzione ha luogo nel caso in cui chi detiene abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal propretario* (ara Troplong Priv. Ed Ipot. Vol 1 pag 360 u Callus vs Cassar FM 19/6/72).

Fil-kaz in ezami l-konvenut kien sewwa biss il-magna tal-*boat* ta' l-attur u *parts* u spejjez ma riedx jaghmilhomlu hu anzi kellu jkun Agius biex jixtrihom. Ghalhekk ma jistghax jinghad li l-konvenut barra x-xoghol tieghu kien qed jipprovdi wkoll il-materjal li bhala tali kien jintitolah li jzomm l-oggett ghandu

sakemm jithallas ta' l-ispejjez li jkun ghamel.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur kellu dritt jagixxi kontra l-konvenut meta agixxa.

Ghalhekk l-ewwel talba ta' l-attur biex tigi ritornata l-magna fl-istat li tahdem ghandha tigi milqugha b'dan li mal-konsenja l-attur irid ihallsu Lm300.(ara fol 35).

Kwantu ghat-talbiet l-ohra ta' l-attur ghal danni, il-Qorti tiddeciedi li ma ngabux provi biex jissostanzjaw x'telf sofra l-attur. Ghalhekk dawn it-talbiet ma jistghux jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-konvenut jikkonsenja, zmien hmistax, l-magna tal-*boat* ta' l-attur fi stat li tiffunzjona tajjeb b'dan li l-attur ghandu jhallsu, mal-konsenja, Lm300 tax-xoghol li ghamel il-konvenut fuq l-istess *boat*; spejjez ta' din it-talba ghall-konvenut;

tichad it-tieni, tielet u raba' talba stante li ma gewx pruvati; spejjez ghall-attur.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**